Parroċċa Qalb bla tebgħa ta' Marija

Burmarrad

Nº: 08/16

**AVVIŻI**

**21 ta' Frar 2016**

*Illum* 21 ta' Frar qed issir Maratona tal-liedna fiċ-Ċentru Parrokkjali bejn l-10am u l-10pm.Din hi okkażjoni biex inkunu parti mit-tisbieħ tar-raħal tagħna fi żmien il-festa, imma aktar minn hekk mument biex niltaqgħu flimkien u nsiru nafu iżjed lil xulxin. Dawn huma waqtiet importanti li jibnuna bħala komunità u familja parrokkjali.

Matul il-Ġimgħa li ġejja (22-26 ta' Frar) sa jsiru l-Eżerċizzi tar-Randan għall-miżżewġin. Dawn sa jsiru wara l-quddiesa ta' filgħaxija. Inħeġġu lill-koppji kollha jieħdu sehem f'dan il-ħin ta' riflessjoni dwar il-ħajja miżżewġa fid-dawl tal-imħabba ta' Ġesù.

Fix-xhur li ġejjin sa jkun qed isir studju dwar is-sistema ta' amplifikazzjoni tal-Knisja li waslet biex tinbidel minħabba difetti u ħsarat li għandha. Dan huwa proġett li jirrikjedi ħafna xogħol u spejjeż. Sa jkunu qed jintalbu l-parir u l-istimi ta' kumpaniji u esperti differenti biex ir-riżultat ikun l-aħjar possibli għaliex huwa xieraq li l-Kelma t'Alla tasal b'mod li jiftiehem tajjeb. Min jista' jgħin huwa mitlub ikellem lill-kappillan.